MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 18 – 4 Leġiżlatura**

**Il-Ħamis 20 ta' April 2023**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv fi 28 Ċentru Parrokkjali, Triq San Edwardu, Ħal Qormi, u b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Deputat President/Sindku Gudja | Is-Sa Marija Sara Vella Gafà |
| Delegat Ħal Luqa | Is-Sa Lucia Massa |
| Delegat Ħamrun | Is-Sa Carmen Borg |
| Delegat Birżebbuġa | Is-Sur Alexander Caruana |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Delegat Marsaskala | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Sindku Ħal-Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Stephen Sultana |
| Sindku Żejtun | Is-Sa Doris Abela |
| Delegat Santa Luċija | Is-Sur Frederick Cutajar |
| Sindku Ħal-Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Sindku Marsa | Is-Sur Josef Azzopardi |

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Sa. Mariella Strout | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda din il-laqgħa.

## 18.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

18.1.1 Il-President qara l-ittri ta' apoloġija mibgħuta mis-Sindki tal-Marsa fejn ġiet mogħtija r-raġuni li għaliha ma setgħax jattendi.

18.1.2 Il-Membri preżenti approvaw l-apoloġiji b'mod unanimu.

## 18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

18.2.1 Il-President ressaq il-Minuti tas-Sbatax (17 -il) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

18.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Steven Grech u ssekondata mis-Sur Charlot Mifsud, il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

## 18.3 Komunikazzjoni mill-President;

**'Tiġdied ta' l-iskema *Animal Welfare Community Steward'***

18.3.1 Il-President informa lil membri tal-kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar li ġie imġedded il-ftehim ta' '*Animal Welfare Community Steward'* sabiex jitkompla is-serviżż li kien qed jingħata mis-Sur Ackerley Pace lill-kommunitajiet fi ħdan ir-Reġjun.

**Laqgħa mal-Kuntrattur tal-iskart**

18.3.2 Il-President informa li nhar it-13 t'April 2023 saret laqgħa mal-kuntrattur tal-iskart. Waqt din il-laqgħa President elenka fuq l-istadju tal-operat tal-ġbir tal-iskart matul dawn l-aħħar tliet xhur kemm ilha li bdiet topera li-iskeda l-ġdida. Ġew indirizzati numru ta' materji fejn qed jinħass li hemm ċertu nuqqasijiet fis-serviżż li qed jiġi mogħti f'diversi Lokalitajiet fi ħdan ir-Reġjun.

Dawn nuqqasijiet ġew ikkomunikati lir-Reġjun mill-uffiċċini tal-Kunsilli Lokali rispetivi, mid-Dipartimemt tal-Gvern Lokali, mid-Dipartiment responsabbli mit-tindif Nazzjonali u kif ukoll mingħand ir-residenti.

Il-punti li diskussi huma;

- L-obbligi tal-Kuntrattur relatati ma  riżorsi umani u drittijiet tagħhom fejn ġie ikkonfermat mill-istess kuntrattur li dawn qed jiġu mħarsa.
- Qbil bejn il-partijiet konċernati li jiġi evitat milli jsir bundeling ta' boroż ta' l-iskart.
- Qbil li l-ilmenti li jirċievi ir-Reġjun mingħand l-entitajiet konċernati jintbagħtu lill-Kunsill biex jiġi verifikat qabel ma dawn jintbagħtu lill-Kuntrattur.
- Ġie diskuss il-fatt li mill- 14 ta' April ser tiġi infurzata l-liġi l-ġdida fejn ser jingħataw il-multi lill-pubbliku li ma jsegwiex l-iskeda.
- Ġew indirizzati il-problemi li hemm fil-lokalitajiet fuq skart kummerċjali.
- Ġie propost li tiġi żviluppata App sabiex titjieb il-kommunikazzjoni bejn ir-Reġjun, il-Kunsilli u l-Kuntrattur meta jkun hemm rapporti dwar skart.
- Il-kuntrattur ġie mgħarraf li jekk għal xi raġuni partikolari ikun ser jittardja li jdaħħal xi vettura/i tiegħu ġewwa l-Impjant tal-Wasteserv f'data mhux skond l-iskeda maqbula, dan għandu jinforma lir-Reġjun minnufih għax inkella l-Wasteserv mhix ser tħallih jagħmel dan sakemm ma tkunx notifikata minn qabel mir-Reġjun Nofsinhar.

Il-President żied jgħid li se tintbagħat ittra ta' rikjesta lid-Dipartiment tal-Kuntratti  sabiex jiġi approvat il-ħlas addizzjonali mitluba mil-kuntrattur preżenti sabiex jinġabar skart kummerċjali riċiklabbli kif ukoll skart miċ-ċimiterji li hawn fir-Reġjun. Dawn l-ispejjeż addizzjonali ser ikunu rifużi lura mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali .

**Valutazzjoni ta' Impatt Soċjali**

18.3.3 Il-President  qal li ntbagħtet komunikazzjoni lill-Kunsilli Lokali rigward Valutazzjoni ta' Impatt Soċjali li Reġjuni huma obbligati li jagħmlu skont Direttiva 5/2019.  Ir-Reġjun Nofsinhar ingaġġa esperti mil-Università ta' Malta sabiex tagħmel ir-riċerki neċessarji. Din ir-riċerka waslet sabiex ġew stabbiliti temi li jindirizzaw l-ambjent, l-edukazzjoni, koeżjoni soċjali u dinamika interġenerazzjonali. Dawn it-temi ser jiġu diskussi f' żewġ gruppi iffurmati minn Kunsilliera komposti minn  kull Kunsill fi ħdan ir-Reġjun, it-tielet grupp ser ikun iffurmat mis-Sindki fejn ser jiġi diskuss l-informazzjoni li nġabret min żewġ gruppi iffurmati mill-Kunsilliera.

Il-President tenna fuq l-importanza tal-parteċipazzjoni tal-Kunsilliera u Sindki f'din ir-riċerka. Il-membri preżenti ingħataw id-dettalji  kollha meħtieġa ta' meta ser jitlaqqaw dawn il-gruppi.

18.3.4 **Proġett Wied Ċawsli – Skema Project Green**

Il-President informa lill-membri dwar il-possibbiltà' t'intervent ta tisbiħ  f'Wied iċ-Ċawsli mill-Entità Governattiva Project Green.  Dan il-ħsieb skatta wara li l-President flimkien mal-

Manager tal-Ambjent u il-Manaġer inkarigat mill-implimentazzjoni tal-proġetti attendew għal-laqgħa flimkien mac-CEO ta' Project Green is-Sur Steve Ellul. Matul din il-laqgħa ġew preżentati il-pjanti tal-proġett li kienu pjanati fil-passat mill-kumpanija ELC. Il-President żied jgħid li l-eżitu ta' din il-laqgħa kien wieħed pożittiv ferm tant li fi ftit granet wara din il-laqgħa s-Sur Ellul informa lir-Reġjun li Project Green kienet ser tagħmel tindif tal-Wied kif ukoll tirranġa xi ħsarat li hemm fl-istess Wied. Għaldaqstant, ir-Reġjun talab stima lill-Perit li kien responsabbli mill-proġett oriġinali, kif ukoll bagħat kjarifika lil Project Green sabiex jistaqsi jekk it-tali stima hiex eliġibbli li tkun koperta mill-fondi ta' Project Green. Sal-ġurnata tal-laqgħa ir-Reġjun kien għadu ma irċeviex risposta.

**Capacity Building workshop - Intejbu r-riżorsi tagħna għal iktar effiċjenża**

18.3.5 Il-President stieden lill- Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex tispjega il-kunċett u r-raġuni għaliex kien qed jiġi organizzat dan il-workshop li ser isir proprju nhar il-Ħamis 27 t'April 2023. L-AES spjegat li jinħass il-bżonn li jinstabu mezzi fejn l-uffiċju amministrattiv tar-Reġjun u l-uffiċju amministrattiv tal-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun itejbu il-kommunikazzjoni ta' bejniethom sabiex ir-riżorsi tagħhom ikunu iktar effettivi u effiċjenti. L-uffiċjali maniġerjali ser jagħtu preżentazzjoni dwar ir-rwol tagħhom kif ukoll ix-xogħol li qed isir fil-preżent kif ukoll dwar dak li hemm pjanat. Għal din il laqgħa ġew mistiedna is-Segretarji Eżekuttivi.

**MoU Lesa**

18.3.6 Il-President qal kif fil-jiem li għaddew ġie imġedded il-ftehim li hemm mal-Lesa sabiex ikopri is-snin preċedenti dawk tal-2021 u 2022. Ir-reġjun għadu qed jistenna ħlasijiet li hemm pendenti mingħand il-Lesa relatati ma' l-ispejjeż (running costs) t'amministrazzjoni tal-uffiċju.

**Doc -75/2023/1 case no 2826/2/2023 Richard Cauchi vs Regjuni Nofsinhar, Ilvant, Punent, Tramuntana, Għawdex u Enemalta- Region Streetlighting Contract**

18.3.7 Il-President informa lil dawk preżenti li l-Kunsill Reġjonali irċieva notifika mill-Qorti dwar il każ (75/2023/1 Region Streetlighting Contract). Dan il-każ qed jiġi segwit mill-avukat ta' l-AKL f'isem ir-Reġjuni kollha u għalhekk qed nistennaw risposta mingħandhom dwar kif ser ikun qed jipproċedi ir-Regjun .

## 18.4 Skeda ta' Pagamenti;

18.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 04/23A-1 u 04/23B-1 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

18.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sa Carmen Borg u ssekondata mis-Sa Lucia Massa il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

## 18.5 Rapporti;

18.5.1 **Audited Financial Statements 2022**

Il-President ressaq l-audited financial statements 2022 li ntbagħtu minn qabel lill-membri u għaldaqstant ġew ikkunsidrati bħala moqrija. L-Accountant tal-Kunsill Reġjonali kien mistieden għal-laqgħa fejn ta' spjega tar-Rapport preżentat. Il-President tenna li t-tfaddil li sar matul is-snin ser iservi sabiex ir-Regjun ikollu fondi adegwati sabiex isir ix-xogħol neċessarju fuq il- bini amministrattiv.

Fuq mozzjoni mressqa mill-Viċi President Dr. Maria Sara Vella Gafa u ssekondata mis-Sur Steven Grech il-Membri kollha preżenti approvaw l-Audited Financial Statements tal-2022 b'mod unanimu.

18.5.2 **Quarterly Financial Report Jan-Mar 2023**

Il-President ressaq il-Quartertly Financial Report għall-perjodu minn Jannar sa Marzu 2023 li ġie ċċirkolat minn qabel il-laqgħa u għaldaqstant ġie kkunsidrat bħala moqri. L-Accountant tal-Kunsill Reġjonali kien mistieden għal-laqgħa fejn ta' spjega ir-Rapport preżentat. Il-President sostna li l-Kunsill Reġjonali jinsab f'qagħda finanzjarja soda u kapaċi jimplimenta l-proġetti li għandu ppjanti għaż-żmien li ġej.

Fuq mozzjoni mressqa mill-Viċi President Dr. Maria Sara Vella Gafa u ssekondata mis-Sur Steven Grech il-membri kollha preżenti approvaw l-Quarterly Financial Report Jan-Mar 2023 b'mod unanimu.

18.5.3 **Skema latrini KRN/01/2023**

**Żvilupp u titjib ta' latrini pubbliċi awtomatiċi madwar Malta u Għawdex.**

Il-President informa li matul il-jum tal-Ħamis 20 t'April 2023 tlaqqa' l-Bord sabiex jinbeda kif ukoll ikun konkluż il-proċess t'evalwazzjoni għar-rigward is-sottomissjonijiet li saru fuq l-applikazzjonijiet tal-iskema KRN/01/2023. Sad-data tal-iskadenza, il-Kunsill Reġjonali Nofsinhar irċieva ħames applikazzjonijiet li l-eżitu tagħhom qed ikun indikat f'rapport finali.

Il-bord ikkonferma li l-Kunsilli rispettivi ta' Ħal Qormi, Gudja, Santa Luċija, Qormi u Marsaxlokk issottomettew l-applikazzjoni u li lkoll laħqu l-kriterji t'evalwazzjoni fiċ-ċirkolari mibgħuta. Għaldaqstant il-bord irrakkomanda li jalloka l-ammonti ta' fondi lill-Kunsilli rispettivi għall-proġetti kif indikat fl-istimi uffiċjali riċevuti. Kif ukoll abbażi taċ-ċirkolari mibgħuta fejn hemm indikat li kull Kunsill jista' jirċievi sa massimu ta' **€60,000.**

Il-President tenna li mill-ammont globali ta' €360,000 li l-Kunsill Reġjonali rċieva permezz ta' din li skema se jiġu esorbiti **€238,529.69.** Għaldaqstant il-bord qiegħed jitlob l-approvazzjoni tad-Direttorat sabiex id-differenza ta' **€121,470.00** tkun imqassma permezz t'allokazzjoni addizzjonali kif ġej:

a) li tkopri 70% **€96,174.07** tal-ispiża globali ta’ tliet Kunsilli li l-ispiża tagħhom taqbeż dik ta’ 60 elf ewro, u

b) **€25,296.24** ikunu allokati lill-Kunsill Reġjonali sabiex l-istess Kunsill ikopri l-ispejjeż Amministrattivi marbuta ma’ din l-iskema ewlenin fosthom waqt l-implimentazzjoni. Kif ukoll l-assistenza kollha mogħtija sabiex il-ħames proġetti ikunu konklużi b’suċċess u li jintlaħaq l-għan aħħari ta’ din l-iskema permezz tal-moniteraġġ neċessarju li l-Kunsill Reġjonali ser ikun qed jagħmel matul iż-żmien

Il Membri preżenti qablu b’mod unanimu mal-kontenut tar-Rapport u approvaw l-evalwazzjoni kif preżentata. Kien hemm qbil li tintalab approvazzjoni mid-Direttorat dwar il-mod ta’ kif se titqassam id-differenza indikata f’punt a) u b).

## 18.6 Affarjiet Oħra

**18.6.1 Attivita Santa Lucija**

Il -President fakkar li nhar is-Sibt 22 t’April ser jitella’ kunċert bit-titlu ta’ Xemx u Baħar ġewwa il-Ġnien tas-Serenità f’Santa Luċija. Dan il-kuncert jagħmel parti mill-attivitajiet li qed jorganizza ir-Reġjun fis-sena ddedikata għall-Kultura. Huwa tenna li l-biljetti għal dan il kunċert ġew meħudin kollha.

**Attività San Girgor**

18.6.2 Il-President informa li l-ħarġa ta’ San Girgor kienet tajba u kien hemm konkorrenza kbira minn diversi lokalitajiet madwar ir-Reġjun. B’mod speċjali grazzi għat-trasport dirett li kien organizzat mir-Reġjun. Il-President fakkar li l-attivita li jmiss ser issir ġewwa ż-Żejtun nhar is-6 ta’Mejju bit-titlu tal-Manuċċia ttir maż-żmien.

## 18.7 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

17.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19.00 u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 18 ta’ Mejju 2023 fil-5.30 pm.

Konfermati llum ______________________.

| | |
|---|---|
| Jesmond Aquilina | Mariella Strout |
| President | Aġent Segretarju Eżekuttiv |